**Brincat Anna at Parlament-MT**

| | |
|---|---|
| **From:** | Mahoney Kevin at MHAS |
| **Sent:** | 09 November 2015 15:01 |
| **To:** | Brincat Anna at Parlament-MT |
| **Cc:** | Fenech Tonio at Parlament-MT |
| **Subject:** | RE: Information requested by PAC |
| **Attachments:** | IIP Dossier.pdf; IIP Govt Gazette.pdf |

Ms Brincat

Replies to your questions put forth in your email of the 16tbh October are listed under each question.

Regards.


Kevin Mahoney
Permanent Secretary
Office Of The Permanent Secretary

t: +356 25689304 e: kevin.mahoney@gov.mt | www.homeaffairs.gov.mt

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND NATIONAL SECURITY
201, TRIQ IL-DEJQA, VALLETTA, MALTA


**From:** Brincat Anna at Parlament-MT
**Sent:** Friday, 16 October 2015 9:21 AM
**To:** Mahoney Kevin at MHAS
**Cc:** Fenech Tonio at Parlament-MT
**Subject:** Re: Information requested by PAC

Sur Mahoney

Qed niktiblek sabiex infakkrek f'dak li ġie mitlub minnek mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li Itaqa' aktar kmieni din il-ġimgħa sabiex ikompli bl-iskrutinju tal-kuntratt li sar ma' Henley and Partners dwar l-*Individual Investor Programme*, u ċioè:

- Kopja tad-*dossier* bid-dettalji tal-*public concession*;

Qed nibghatlek soft copy tad-dossier hawn annessa

- L-irwol tal-membri li ġew maħtura fuq il-kumitat ta' evalwazzjoni;

L-irwol tal-membri (*terms of reference*) mahtura huwa dak indikat f'paragrafu 6.13 tad-*dossier* hawn fuq imsemmi.

Irrid nippreciza li f'kaz ta' koncessjoni ma jezisitx obbligu li jigi stabbilit *Review Board*. Madankollu l-Gvern ha d-decizjoni li jahtar *Review Board* sabiex il-process ikun aktar trasparenti u bhala sinjal ta' *good governance*.

Fil-hatra tar-*Review Board* il-Gvern segwa bhala mudell il-*Public Contracts Review Board*.

- L-isem tal-persuna li kienet segretarju tar-*review board* u l-kariga li kellha fl-istess ħin li kenet segretarju tal-bord;

Ma gie appuntat l-ebda segretarju la ghall-*Evaluation Committee* u lanqas ghar-*Review Board*

- In-numru ta' laqgħat li kellu r-*review board* mal-kumpanija li għamlet l-oġġezzjoni u kemm kien hemm *verbal* u *written submissions*;

Naghmel referenza ghad-decizjoni tar-*Review Board* ippubblikata fuqil-website tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali (http://homeaffairs.gov.mt/en/MHAS-Information/Tenders%20RFQ/Documents/Archived/Appeal%20Decision.pdf). Minn ezami tad-decizjoni jirrizulta spjega dettaljata tal-procedura mhaddma minn dan ir-*Review Board*.

- Il-*wording* tal-*email* li kienet intbagħtet lilek mingħand, dak iż-żmien, is-Segretarju Parlamentari Owen Bonnici;

L-*Evaluation Committee* inhatar mill-Onor Owen Bonnici li dak iz-zmien kien jaghmel parti mill-Ministeru tal-Intern. Il-*wording* kien is-segwenti:

*The names of the IIP selection committee are..... Please confirm receipt and administrative resposne at your earliest convenience.*

Bl-istess mod il-process ghal hatra tar-*Review Board* ha hsiebu l-istess Onor. Owen Bonnici. Il-*wording* kien is-segwenti:

*The review board to address the appeal by Arton Capital will consist of...................*

Hawnhekk irrid nippreciza zewg punti:

(a) Illi kif spjegajt aktar 'l fuq, fil-kaz tar-*Review Board*, fit-twaqqif tieghu intuza l-mudell tal-*Public Contracts Review Board*. Peress li l-*letter of appointment* tal-membri tal-PCRB issir mill-Prim Ministru, anke f'dan il-kaz il-*letter of appointment* tal-membri tar-*review board* li twaqqaf *ad hoc* saret mill-Prim Ministru.
(b) Illi fejn jidhlu l-aspetti logistici tad-diversi processi, naturalment kien hemm diversi impjegati li ghenu kemm lili u anke lill-Onor Bonnici

u

- Tivverifika jekk l-avviż dwar l-*expression of interest* kienx deher ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern.

Nikkonferma. Kopja tal-avviz huwa hawn mehmuz.

Tislijiet

Anna Brincat
Committee Clerk for Public Accounts Committee, Environment and Development Planning Committee and National Audit Office Accounts Committee

t: +356 25596 241 e: anna.brincat@parlament.mt | www.parlament.mt

HOUSE OF
REPRESENTATIVES
PARLIAMENT OF MALTA
REPUBLIC STREET,
VALLETTA.